

L-Erbgħa 11 ta' Mejju 2011

## Ismijiet ta' tessuti u l-ittikkettjar relatat tal-prodotti tat-tessuti \*\*\*II

P7\_TA(2011)0218

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Mejju 2011 dwar il-Pożizzjoni tal-Kunsill adottata fl-ewwel qari bl-għan tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ismijiet ta' fibri tat-tessuti u t-tikkettjar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessuti u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 73/44/KEE, id-Direttiva 96/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 2008/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (13807/4/2010 – C7-0017/2011 – 2009/0006(COD))**

(2012/C 377 E/45)

(Procedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (13807/4/2010 – C7-0017/2011),
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2009 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari <sup>(2)</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2009)0031),
  - wara li kkunsidra l-impenji meħuda mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-20 ta' April 2011, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari, skont l-Artikolu 294(8)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 66 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0086/2011),
1. Jadotta l-pożizzjoni fit-tieni qari li tidher hawn taħt;
  2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

<sup>(1)</sup> ĠU C 255, 22.9.2010, p.37.

<sup>(2)</sup> Testi adottati tat-18.5.2010, P7\_TA(2010)0168.

## P7\_TC2-COD(2009)0006

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fil-11 ta' Mejju 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettjar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessuti u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 73/44/KEE u d-Direttivi 96/73/KE u 2008/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1007/2011.)

L-Erbgħa 11 ta' Mejju 2011

## ANNEX

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma konsapevoli mill-importanza li tiġi pprovduta informazzjoni preċiża lill-konsumaturi, b'mod partikolari meta l-prodotti jkunu mmarkati b'indikazzjoni tal-orġni, sabiex jiproteġuhom kontra dikjarazzjonijiet frodulenti, impreċiżi jew qarrieqa. L-użu ta' teknoloġiji ġodda, bħat-tikkettar elettroniku, inkluża l-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju, jista' jkun għodda utli biex tiġi pprovduta l-informazzjoni filwaqt li jinżamm il-pass mal-iżvilupp teknoloġiku. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni sabiex, fit-tfassil tar-rapport skont l-Artikolu 24a tar-Regolament, tikkunsidra l-impatt tagħhom fuq rekwiżiti ta' tikkettar ġodda possibbli, inkluż bl-għan li titjieb it-traċċabilità tal-prodotti tat-tessuti.

**Miżuri eċċezzjonali ta' kummerċ għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fil-proċess ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni tal-UE jew huma marbuta miegħu\*\*\*I**

P7\_TA(2011)0219

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-11 ta' Mejju 2011 dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009 li jintroduċi miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (COM(2010)0054 – C7-0042/2010 – 2010/0036(COD)) <sup>(1)</sup>

(2012/C 377 E/46)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI

EMENDA

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament – att li jemenda  
Premessa 7 a (ġdida)**

(7a) Biex jiġu adottati d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti bi qbil mal-Artikolu 290 tat-trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' kwota tariffarja għall-prodotti tal-"laħam taċ-ċanga għat-trabi", emendi u aġġustamenti tekniċi meħtieġa wara li jsiru emendi għall-kodiċi ta' Nomenklatura Magħquda u s-suddi-viżjonijiet tat-TARIC u aġġustamenti meħtieġa wara l-konklużjoni ta' ftehimiet oħrajn bejn l-Unjoni u l-pajjiżi u t-territorji msemmija f'dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa fil-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(1) Il-kwistjoni ġiet riferuta lura lill-kumitat skont l-Artikolu 57(2), it-tieni subparagrafu (A7-0243/2010).